KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 92

It-tnejn u disgħin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tlieta 15 ta' Jannar 2019 fis-6pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Vici Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier (*daħal 7.38pm*) |

**ASSENTI B'APPOLOGIJA**
**(Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

| | | |
|---|---|---|
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |

**ASSENTI**

| | | |
|---|---|---|
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet fis-18.25 b'din l-Agenda:*

*92.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*92.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*
*92.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*92.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;*
*92.5 Rapporti;*
92.6 Approvazzjoni tal-performance bonus għas-sena 2018
*92.7 Tindif tat-toroq*
*92.8 Human resources – Kunsill Lokali*
*92.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;*
*92.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;*
*92.11 Mozzjonijiet ;*
*92.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 92.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

92.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa b'ittra t'apoloġija tal-Kunsilliera L. Cassar Shaw. Kien hemm qbil li tiġi reġistrata bħala Assenti b'Apologija.

## 92.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

92.2.1 Is-Sindku ressaq il-minuti 91 tas-seduta tal-10 ta' Diċembru 2018 għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

92.2.3 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti 91. Il-Viċi Sindku issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti li jiġu approvati. Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv.

*Approvazzjoni tal-minuti 91_10/12/2018*

## 92.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

92.3.1 Il-Viċi Sindku saqsa dwar ix-xogħol li sar fi Triq Nicolo Isouard u rrefera għall-biċċa li saret ħazina. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li dan ix-xogħol ħazin tnaqqas mil-kont kif ukoll inzammet *retention fee* sakemm nirċievu l-*core tests*. Sadanittant sar qbil li din il-biċċa terġa ssir sew mill-kuntrattur u ssir f'xi ġurnata meta ma jkunx hemm skola.

*Triq Nicolo Isouard*

92.3.3 Il-Kunsill ġie infurmat li s-*survey* dwar il-ħamiem se jibda l-ġimgħa d-dieħla. Kien hemm qbil ukoll li nixtru xi gaġeġ biex jinqabdu l-

*Hamiem*

ħamiem u meta jkun hemm bzonn jiġu msellfa lir-residenti li lesti jzommuhom fuq il-bejt tagħhom biex jinqabdu l-ħamiem.

92.3.4 Is-Sindku informa li l-Kunsill irċieva l-fondi mil-UDF għal Triq Guze Howard. Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonferma dak li kien diġa qal li l-ispejjez tal-gwardjani/pulizija ma ġewx aċċetati li jiġu inkluzi fir-*refund*. Il-Kunsill ġie infurmat ukoll li l-proġetti li daħalna l-applikazzjoni tagħhom ġew aċċetati mill-PA fil-prinċipju u filfatt ghandna file number ghal kull applikazzjoni. Dawn huma tal-latrina pubblika tax-Xatt, tal-*car park* tal-Exiles u latrina ta' Ferro Bay. *UDF*

92.3.5 Is-Sindku informa dwar Triq il-Kbira. Il-PA infurmat li skont il-policy tagħhom il-fondi se jingħataw biss għall-bankini. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-ewwel jibdew *Infrastructure Malta* billi jbiddlu l-*mains* tal-ilma, umbghad il-Kunsill jagħmel il-bankini u l-kuntratturi mill-IM jagħtu t-tarmac. *Triq il-Kbira*

92.3.6 Is-Sindku informa li hu Flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv ltaqghu mac-CEO ta' Infrastrcture Malta fejn dawn fehmu l-bzonn li huma jghatu it-tarmac fi Triq it-Torri.

92.3.7 Is-Sindku saqsa jekk il-Kunsill jaqbilx li s-siġra fi Triq Dingli (l-area mgharufa bhala t-tlett siġriet) tibqa mixgħula matul s-sena. Kien hemm qbil dwar dan. Kien hemm qbil ukoll li tibqa mixgħula Pjazza Sant' Anna ghal zmien St. Valentines sabiex nghinu in-negozjanti fl-inhawi. Il-Kunsillier J. Pillow qal li għandu fustun li kien *sponsor* min Zara u jista jintuza ghall-Pjazza St. Anna ukoll. *Tlett siġriet u Pjazza Sant'Anna*

*Ġie skuzat il-Kunsillier M. Briguglio mis-seduta fis-19.18*

92.3.8 Il-Kunsilliera V. Galea Pace qalet li l-attivitajiet tal-Milied li ġew organizzati flimkien mal-iskejjel kienu ta' suċċess. Kien hemm qbil li jerġgħu ssir s-sena d-dieħla. *Attivitajiet tal-Milied*

92.3.9 B'referenza għall-punt 91.4.22, il-Kunsill ġie infurmat li l-*pelican lights* ġew ordnati. *Pelican lights – Ix-Xatt ta' Tigne*

92.3.10 Il-Kunsill ġie infurmat li ic-Chief Officer Enforcement tat-TM iltaqa' mal-*car park attendants* u kellimhom għall-aġir tagħhom. *Car park attendants*

*Daħal lura l-Kunsillier M. Briguglio fis-19.28*

92.3.11 Il-Kunsill ġie infurmat li għadu kif sar tibdil dwar id-deċizjoni tar-*reserved parking* għall-persuni b'dizabilita. Is-Sindku kkonferma li l-aħħar deċizjoni se tkun tas-CRPD u mhux tat-TM. CRPD se jkunu qegħdin jiddeċiedu ukoll jekk t-tabella għandiex tkun personallizata jew le. *Reserved parking*

92.3.12 Is-Sindku informa li CEO tal-MIDI is-Sur Mark Portelli talab biex issir laqgħa mal-Kunsill. Il-Viċi Sindku talab li l-Kunsill ikollu agenda qabel dwar xiex ser tkun id-diskussjoni. Il-Kunsill għandu jibgħat id-dettalji kif ukoll il-ġurnata tal-laqgħa lill-Kunsilliera kollha. Is-Sindku talab li kull min hu interessat, jattendi għall-laqgħa. *MIDI*

92.3.13 Is-Sindku informa li ġie avviċinat minn Townsquare fejn infurmaw li huma interessati li joffru għajnuna finanzjarja lill-Kunsill. Ġie propost ukoll, fost affarijiet ohra, li mill-progett taghhom jista jinghata l-ilma ghat-tisqija ta' gnien Bonello Du Puis. Townsqaure lesti sabiex jghamlu *sponsorship* agreement mal-Kunsill Lokali fuq hames snin sabiex isiru progetti ta' *embellishment* f'Tas-Sliema, specjalment madwar is-sit ta' Townsquare. *GBD*

*Daħal il-Kunsillier P. Radmilli fis-19.38*

Is-Sindku talab li jsir kumitat f'dan ir-rigward. Kien hemm interress mill-kunsilliera prezenti. Kien hemm qbil li meta jkun se jiltaqa dan il-kumitat, il-Kunsilliera kollha jiġu nfurmati u min irid jagħti l-kontribut.

92.3.14 Dwar il-pont ta' Triq Manwel Dimech, sar qbil li l-Kunsill għandu jitlob tlett kwotazzjonijiet għall-*uplighters*, biex jitpoġġa taħt il-bridge. Il-Kunsill għandu jara wkoll r-*railing* li kellu jsir fit-taraġ. Bridge ta' Triq Manwel Dimech

*Il-Kunsillier P. Portelli ġie skuzat fis-19.46*

92.3.15 Is-Sindku informa li ilhom għaddejjin b'ħafna diskussjonjiet ma' SOS Malta u l-Kunsill ilu jirsiti ħafna biex jinzamm is-servizz tat-trasport lill-anjani maghhom. Trasport għall-anzjani – Council cab

*Il-Kunsillier P. Portelli daħal lura fis-19.53*

Jidher li SOS Malta qegħdin itawlu bla bzonn u l-ftehim ma jistax jintlaħaq. Is-Sindku, ghaldaqstant, propona li l-Kunsill għandu jixtri karroza għal dan is-servizz, għaliex dan baqa jiġi mitlub mir-residenti wara li kien waqqaf is-sena l-ohra.

*Il-Vici Sindku ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fis-19.55*

Il-Kunsilliera M. Briguglio, P. Portelli u P. Radmilli talbu li l-Kunsill għandu jikkonsidra wkoll *leasing* ta' karozza flok xiri. Kien hemm qbil mil-Kunsill Lokali dwar dan. Is-Segretarju Ezekuttiv għandu jara din l-*option* ukoll u jagħzel l-aħjar jekk hux xiri jew *leasing*, billi ukoll jigbor kwotazzjonijiet.

*Il-Kunsillier M. Briguglio ġie skuzat li jitlaq fis-19.56*

## 92.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

92.4.1 Il-Kunsillier J. Pillow qal li hemm bzonn issir manutenjoni ta l-arbli ta' mat-toroq tal-Enemalta. Is-Segretarju Ezekuttiv għandu jiltaqa mal-Enemalta bil-ħsieb tal-Kunsill li jiġu rranġati. *Arbli tal-Enemalta*

92.4.2 Il-Kunsilliera V. Galea Pace fakkret ukoll li hemm bzonn isiru l-arbli dekorattivi ta' Qui si Sana wkoll. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li għal dawn it-tip ta' talbiet ikun irid isir *budgeting* għaliex l-ispiza tkun waħda għolja. Il-Kunsillier P. Radmilli fakkar li l-fond tal-UDF huwa *ongoing* u dejjem nistgħu nsaqqsu għall-bilanċ.

92.4.3 Il-Kunsilliera V. Galea Pace qalet li Triq Bisazza qegħda tkun maħmuġa, mhux qiegħed isir tindif kif suppost. Qalet ukoll li l-bankijiet għandhom bzonn li jsirilhom manutenzjoni. Is-Sindku qal li se jkun qiegħed jinbeda proġett fi Pjazza Bisazza u ma jaħsibx li huwa l-mument opportun li jsir dan it-tip ta' xogħol. Is-Segretarju ghandu jara jekk jistghax isir *embellishment* ta' Triq Bisazza Flimkien mal-FTZD. *Triq Bisazza*

92.4.4 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irrimarkat dwar il-*petrol station* antika li hemm fi Triq it-Torri ma' Triq il-Kulleġġ l-Antik. Hemm *pipe* qadim ħiereġ il-barra u qiegħed perikoluz. Il-Kunsill ma jistax ineħħih għaliex din hija propjeta privata u l-pompa għadha liċenzjata. Madankollu s-Sindku qal li l-Kunsill jista jkellem lis-sid ta' din il-pompa u jinfurmah b'dan il-periklu. *Pompa tal-petrol antika*

*Il-Kunsillier J. Pillow ġie skuzat mis-seduta fit-20.14 u l-Kunsillier P. Portelli fit-20.16*

92.4.5 Il-Kunsilliera V. Galea Pace saqsiet f'hiex wasal il-proċess tal-monument ta' Tony Nichol. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-Kunsill qiegħed jistenna l-permess tal-PA. *T. Nichol monument*

*Daħlu l-Kunsilliera J. Pillow u P. Portelli fit- 20.20*

92.4.6 Il-Kunsillier D. Muscat qal li ilha biex issir grada fi Sqaq Muscat. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-kuntrattur li kien ħa il-kejl baqa ma' ġiex. Kien hemm qbil li ssir minn ħaddieħor. *Muscat Lane*

92.4.7 Sar qbil li jsiru zewg pots ġo Our Saviour Lane kif ukoll zewġ bankijiet. Il-Kunsillier D. Muscat qal ukoll li l-aħjar li jitpoġġew ukoll zewġ *cigarette pots* fl-istess Sqaq. Il-Kunsillier P. Portelli fakkar li hemm bzonn li jitpoġġew ukoll *cigarette pots* barra fejn stabbilimenti kbar. Kien hemm qbil dwar dan. *Our Saviour Lane u cigarette pots*

92.4.8 Il-Kunsill ġie infurmat li t-tabelli 'This is a historical street name' wasslu u se jitwaħħlu.

92.4.9 Il-Kunsillier P. Radmilli reġa fakkar fil-problema ta' meta persuna ġġib permess mil-Kunsill għal *lifter* jew makkinarju ieħor, meta jitpoġġew tabelli *no parking/tow zone* u xorta l-karozzi baqgħu jipparkjaw u ma jiġux irmunkati. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li għada għaddeja diskussjoni mal-AKL u r-Reġjuni biex tinstab biċċa art fejn jistgħu jitpoġġew karrozzi li jiġu rmunkati. *Permessi – no parking signs*

## 92.5 RAPPORTI

92.5.1 Ma kienx hemm aktar rapporti.

## 92.6 APPROVAZZJONI TA' PERFORMANCE BONUS GHAS-SENA 2018

92.6.1 Is-Sindku propona li l-*performance bonus* jingħata *full* kemm lis-Segretarju Ezekuttiv kif ukoll l-istaff. Kien hemm qbil dwar dan.

## 92.7 TINDIF TA' TOROQ

92.7.1 Is-Sindku tkellem dwar is-sitwazzjoni tal-ġbir tal-ħġieġ. Il-Kunsill kien talab li l-ġbir tal-ħġieġ isir ukoll mill-kuntratturi tagħna. Id-diskussjonijiet mal-Greenpak gew konkluzi u intlahaq qbil.

Fir-rigward tal-iskeda tal-knis, il-Kunsillier J. Pillow saqsa kif se tkun imqassma l-iskeda l-ġdida taz-zoni. Ġie nnotat ukoll li l-kuntratturi mhumiex qegħdin izommu mal-ħinijiet stipulati fil-kuntratt. Is-Sindku qal li l-kuntratturi jridu jonoraw il-kuntratt u s'issa konna tolleranti u minkejja li ġew diskussi n-nuqqasijiet mal-kuntratturi, anke permezz ta' rapporti mill-*contracts manager* dawn baqgħu għaddejjin. Kien hemm qbil li jibdew jitnaqqsu l-flus għal dawn in-nuqqassijiet skont kif jippermetti l-kuntratt. Kien hemm qbil li m'hemmx għalfejn li

jitressqu Kunsill u s-Segretarju Ezekuttiv ikun jista jagħmel dan permezz ta' rapport mill-*contracts manager*.

Il-Kunsillier P. Radmilli propona li għandu jkun hemm aktar kontroll fejn qegħdin jikinsu l-kenniesa. Dan jista jsir permess ta' attendenza fejn il-kenniesa jiġu jiffirmaw il-Kunsill. Il-Kunsillier J. Pillow fakkar li kien propona li tinxtara *tracking system* li tkun tista titwaħħal mal-karetta. B' hekk ikun aktar faċli għal *monitoring* aħjar.

**92.8 HUMAN RESOURCES - KUNSILL LOKALI**

92.8.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li impjegata oħra s-Sinjura Roanna Xuereb tgħat ir-rizenja mill-post ta' *Assistant Principal.* L-impjegat il-ġdid Deandre Grima se jkun qiegħed jieħu rwol tal-permessi. Il-Kunsill se jkun qiegħed jimpjega *clerk full time* biex jimtela l-post vakanti ta' *curtomare care*.

92.8.2 Is-Sindku propona li l-Kunsill ikun aktar organizzat fejn jidħol servizz ta' *handyman*. Fost affarijiet oħra irid ikun xi ħadd aktar armat b'għodda. Kien hemm qbil dwar dan u l-Kunsill irid jara kif tista toħroġ il-BOQ. Sadanittant is-Segretarju Ezekuttiv għandu jara jif qegħdin jaħdmu Kunsilli oħra.

**92.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGHAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

92.9.1 Ma kienx hemm aktar rapporti.

**92.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

92.10.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-pagamenti tal-kontijiet.

92.10.2 Gie nnotat l-pagament numru 30 lil resident dwar *refund* ta' *claim* ta' ħsara li saret waqt ix-xogħol fi Triq Nicolo Isouard. Kien hemm qbil li dan l-ammont ta' Eur 533.68 jitnaqqas mill-kont tal-kuntrattur.

92.10.3 Gie nnotat il-kont dwar l-*enforcement duties* li qegħdin isiru kull xahar. Kien hemm qbil li jingħata rendikont tal-ammont ta' citazzjonijiet li qegħdin jingħataw u jiġu ppubblikati fuq *facebook*.

92.10.4 Il-Kunsillier P. Portelli propona li jiġu approvati l-pagamenti. Il- *Approvazzjoni tal-*

Kunsillier P. Radmilli ssekonda. Kien hemm qbil mil-Kunsilliera prezenti li jiġu approvati. *pagamenti*

92.10.5 Kien hemm qbil li l-laqgħa pubblika għar-residenti ssir nhar it-Tlieta 12 ta' Frar, 2019 fis-6pm. *Laqgha pubblika*

## 92.11 MOZZJONIJIET

92.11.11 Ma kien hemm ebda mozzjoni.

## 92.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

92.12.1 Is-seduta ntemmet fl-22.08 ta` filgħaxija. Seduta oħra se ssir nhar l-Erbgħa 20 ta' Frar 2019 fis-6pm.

Minuti approvati llum 20 ta' Frar 2019

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **Anthony Chircop** | **Matthew Dimech** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |